

**MT** Gwida tal-utent

# Easee One

# Kif niċċarġja?

**Aqra l-gwida dwar l-Informazzjoni importanti dwar il-prodott fl-imballaġġ tal-prodott jew fuq easee.com/manuals qabel tuża l-prodott.**

L-installazzjoni u t-tħaddim tal-prodott jeħtieġu apparat mobbli b'konnessjoni tal-internet.

Żgura li r-rekwiżiti li ġejjin jiġu ssodisfatti qabel tuża ċ-Charging Robot.

- Il-prodott u l-konnessjoni elettrika tiegħu ġew installati minn elettriċista awtorizzat skont il-gwida tal-Installatur.
- Iċ-ċarġer huwa kkonfigurat sew.
- Is-software huwa aġġornat (ara Interfaċċa taċ-Charging Robot).
- Jekk ikkonfigurajt il-kontroll tal-aċċess, iftħu billi tuża tikketta tal-RFID reġistrata (ara Karatteristiċi) jew iddiżattivah mill-Easee App jew l-interfaċċa lokali.

1. Iċċekkja l-kejbil tal-iċċarġjar u l-konnettur għal ħsara u impuritajiet bħal oġġetti barranin u d-dħul ta' ilma qabel tibda tiċċarġja.
2. Ikkonnettja l-kejbil tal-iċċarġjar maċ-Charging Robot u l-karozza elettrika tiegħek. Il-proċess tal-iċċarġjar jibda u jadatta awtomatikament għall-karozza elettrika u l-enerġija disponibbli fi kwalunkwe ħin skont il-konfigurazzjoni.

Jekk il-karozza ma tibdiex tiċċarġja, iċċekkja li l-iċċarġjar huwa attivat fil-karozza tiegħek u li l-konnetturi huma pplaggjati sew. Jekk l-iċċarġjar xorta ma jibdiex, ara x'tista' tkun il-kawża fit-taqsima Interfaċċa taċ-Charging Robot.

**Iċċarġjar intelliġenti**

Xi operaturi joffru ċċarġjar intelliġenti li se jdewwem l-iċċarġjar sa punt ta' żmien xieraq, ħafna drabi marbut mal-prezz tal-elettriku jew ma' mekkaniżmi simili. Meta l-iċċarġjar intelliġenti jkun attiv l-istrixxa tal-LEDs tixgħel blu, l-iċċarġjar mhux se jibda sakemm il-kriterji tal-operatur għall-iċċarġjar ma jintlaħqux. Ikkuntattja lill-operatur tiegħek biex issir taf iktar u skopri jekk joffrux dan is-servizz.

# Apps u interfaċċi

**Easee App**

L-Easee App tagħtik kontroll sħiħ u l-istatus fuq iċ-ċarġer tiegħek. Din hija maħsuba għal użu ta' kuljum tal-prodotti ta' Easee tiegħek, permezz tal-Easee Cloud.

Sabiex tniżżel l-app, skennja l-kodiċi QR jew mur fuq: **easee.com/app**

**Interfaċċa lokali**

L-interfaċċa lokali hija maħsuba għal operazzjonijiet lokali taċ-ċarġer meta ma jkunx hemm internet disponibbli.

Aqra aktar dwar l-interfaċċa lokali fuq: **easee.com/support/localinterface**

**Easee Portal**

L-Easee Portal hija għodda maħsuba għall-amministrazzjoni ta' sit ta' Easee wieħed jew iktar. Il-Portal huwa maħsub l-aktar għas-sidien tas-sit, l-installaturi, l-amministraturi, il-fornituri tas-servizz u persuni li jridu jimmaniġġjaw diversi prodotti u siti minn interfaċċa waħda.

Mur fuq **easee.support** għal aktar informazzjoni dwar l-interfaċċi tagħna.

# Karatteristiċi




1. **Touch button:** It-touch button tintuża biex tattiva l-interfaċċa lokali. L-interfaċċa lokali hija maħsuba għal operazzjonijiet lokali taċ-ċarġer meta ma jkunx hemm internet disponibbli. Aqra aktar dwar l-interfaċċa lokali fuq: easee.com/support/localinterface
2. **Strixxa tad-dawl:** L-istrixxa tad-dawl tikkomunika l-istatus taċ-Charging Robot f'kull waqt. (Ara Interfaċċa taċ-Charging Robot).
3. **Żona tal-RFID:** Il-qarrej tal-RFID integrat jippermetti l-kontroll tal-aċċess taċ-Charging Robot u l-identifikazzjoni ta' utenti differenti. Inti tista' tużah biex tiftaħ iċ-ċarġer b'Easee Key. Ara l-bażi ta' tagħrif tagħna fuq easee.support għal aktar dettalji dwar kif tista' żżid u timmaniġġja l-Easee Keys tiegħek.
4. **Sokit tat-Tip 2:** Is-sokit tat-Tip 2 huwa kompletament universali u jħallik tiċċarġja kwalunkwe tip ta' vettura elettrika bl-użu tal-kejbil tal-iċċarġjar ix-xieraq. Barra dan, huwa possibbli li ssakkar b'mod permanenti l-kejbil tal-iċċarġjar, sabiex ma jkollokx għalfejn toqgħod tinkwieta li se jinsteraq.

# Interfaċċa taċ-Charging Robot

| Deskrizzjoni tad-dawl | Status |
|---|---|
| Abjad – dawl kostanti, fil-qiegħ biss 2 LEDs – unità ewlenija / LED wieħed – unitajiet sekondarji | Standby |
| Abjad – dawl kostanti | Il-karozza hija konnessa |
| Abjad – dawl f'pulsazzjonijiet | L-iċċarġjar għaddej |
| Blu – dawl kostanti | L-iċċarġjar intelliġenti huwa attivat (il-karozza hija konnessa) |
| Blu – dawl f'pulsazzjonijiet | L-iċċarġjar intelliġenti għaddej |
| Meta jinxtegħel, l-LEDs jixegħlu wieħed wieħed. Meta ċ-ċarġer ikun qed jiġi aġġornat, LED wieħed jew iktar se jteptep aħdar waqt li dan ikun għaddej. | Qed jaġġorna s-software (l-aġġornament jista' jieħu sa 30 minuta) **ATTENZJONI!** Il-karozza trid tiġi skonnessa qabel ma aġġornament tas-software ikun jista' jitlesta. |
| Abjad – dawl iteptep | Qed jistenna l-awtentifikazzjoni minn tikketta tal-RFID. Żomm it-tikketta tal-RFID kontra ż-żona tal-RFID taċ-Charging Robot sabiex tawtentikaha u tibda l-iċċarġjar. |
| Abjad – dawl iteptep jgħaġġel | It-tikketta tal-RFID ġiet riċevuta (qed jistenna l-verifika tal-kjavi). |
| Aħmar - dawl iteptep, bi ħsejjes tat-twissija | ⚠ **TWISSIJA** Żball kritiku! Itfi l-enerġija u neħħi l-kejbil tal-iċċarġjar miċ-Charging Robot. L-enerġija tista' terġa' tinxtegħel jekk dan ikun meħtieġ. Id-dawl aħmar se jkompli jteptep, iżda l-ħoss ta' twissija se jieqaf meta l-kejbil tal-iċċarġjar jiġi skonness. Iċ-ċarġer jiġi mblukkat milli jkompli jintuża, ma jistax jiġi risettjat u jrid jinbidel ma' wieħed ġdid. Ikkuntattja lis-servizz ta' appoġġ għall-klijenti. |
| Aħmar - dawl iteptep | ⚠ **TWISSIJA** Żball kritiku! Iċ-ċarġer jiġi mblukkat milli jkompli jintuża, ma jistax jiġi risettjat u jrid jinbidel ma' wieħed ġdid. Ikkuntattja lis-servizz ta' appoġġ għall-klijenti. |

| Deskrizzjoni tad-dawl | Status |
| --- | --- |
| Aħmar – dawl kostanti | Żball ġenerali. Aqla' l-kejbil tal-iċċarġjar u erġa' qabbdu maċ-Charging Robot. Jekk id-dawl aħmar jippersisti, iċċekkja l-Easee App jew il-bażi ta' tagħrif[1] tagħna għal aktar informazzjoni. |
| Aħmar – dawl kostanti, bi ħsejjes tat-twissija | Instab kejbil PEN miksur jew il-wajers huma mqabbdin ħażin. Ikkonsulta elettriċista awtorizzat. |
| Aħmar – dawl f'pulsazzjonijiet | Iċ-Charging Robot kejjel temperatura mhux normali u daħal fil-modalità tas-sikurezza. Jekk jogħġbok mur fil-bażi ta' tagħrif[1] tagħna għal aktar informazzoni. |
| Abjad – dawl iteptep, fil-qiegħ biss | Iċ-Charging Robot qed ifittex l-unità ewlenija tiegħu. Jekk jogħġbok iċċekkja l-istatus tal-unità ewlenija. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara l-bażi ta' tagħrif tagħna[1]. |
| Isfar – dawl iteptep, fil-qiegħ biss | Iċ-Charging Robot qed jistenna li jiġi kkonfigurat. Ikkonsulta elettriċista awtorizzat. |

[1] Il-bażi ta' tagħrif pubblika ta' Easee tista' tinstab fuq easee.support.

# Manutenzjoni

### Manutenzjoni ġenerali

- Żgura li ċ-ċarġer m'għandu l-ebda sinjali ta' ħsara mekkanika.
- Spezzjona viżwalment is-sokit tat-Tip 2 għal tkagħbir f'intervalli regolari skont ir-regolamenti lokali. Jekk il-pinnijiet huma skuluriti jew bil-ħsara, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-elettriċista awtorizzat tiegħek.

### Tindif

Il-prodott ma jeħtieġx tindif biex jaħdem sew. Madanakollu, jekk il-prodott jeħtieġ jitnaddaf għal raġunijiet kożmetiċi, dan huwa possibbli.

- Uża biċċa niedja u prodott tat-tindif tad-dar li jista' jintuża għal kull skop. Evita kimiki qawwijin li fihom iż-żejt jew l-alkoħol, għaliex dawn jistgħu jiskuluraw il-kulur tal-plastik.
- Tużax ilma ġieri jew ġettijiet tal-ilma bi pressa għolja.

### Tiswija

Jekk iċ-ċarġer tiegħek ikun jeħtieġ tiswija, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-fornitur ta' Easee tiegħek.

### Ritorn tal-prodotti u lmenti

Ikkuntattja lid-distributur tiegħek jew lis-Servizz ta' Appoġġ għall-Klijenti ta' Easee dwar ir-ritorn tal-prodott tiegħek u lmenti dwaru.

### Servizz ta' appoġġ għall-klijenti

Niżżel l-aħħar manwali, sib risposti għal mistoqsijiet frekwenti u dokumenti u vidjows utli għall-prodott tiegħek fuq easee.support.

# Dettalji prattiċi

### Garanzija

L-apparat huwa ħieles minn difetti fil-materjal u huwa konformi mal-liġijiet u r-regolamenti għall-protezzjoni tal-konsumatur fil-pajjiż fejn jinxtara l-prodott. Il-hardware ta' Easee kollu li huwa installat b'mod korrett huwa kopert mill-garanzija limitata tagħna ta' 3 snin*. Jekk iċ-ċarġer tiegħek ikun jeħtieġ tiswija fi żmien il-perjodu tal-garanzija, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-fornitur ta' Easee tiegħek. Aktar informazzjoni tista' tinstab fuq easee.support.
*Xi pajjiżi jista' jkollhom garanzija estiża.

### Dettalji ta' kuntatt

Easee AS
Grenseveien 19
4313 Sandnes, Norway
Org. nru: 920 292 046

Tista' ssib dettalji ta' kuntatt addizzjonali għall-pajjiż tiegħek fuq easee.com.

L-informazzjoni f'dan id-dokument hija għal skopijiet ta' informazzjoni biss, hija pprovduta kif inhi, u tista' tkun soġġetta għal modifiki mingħajr avviż. Easee AS inklużi s-sussidjarji tagħha ma jaċċettaw l-ebda responsabbiltà għall-korrettezza jew il-kompletezza tal-informazzjoni u tal-illustrazzjonijiet, u mhumiex responsabbli għall-kunsiderazzjonijiet, il-valutazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħek jew in-nuqqas ta' dawn, jew għal użu ieħor tal-informazzjoni f'dan id-dokument.

L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi ppubblikata mill-ġdid, prodotta mill-ġdid, trażmessa jew użata mill-ġdid fi kwalunkwe forma oħra, bi kwalunkwe mezz jew forma, għall-użu personali tiegħek jew ta' kwalunkwe parti terza, sakemm ma jkunx hemm qbil b'mod ieħor bil-miktub ma' Easee jew is-sussidjarji tagħha. Kwalunkwe użu permess għandu jsir dejjem skont il-prattika tajba u jiżgura li l-ebda ħsara ma tista' tiġi kkawżata lil Easee jew billi jiġi mqarraq il-konsumatur.

Easee u l-prodotti, l-ismijiet tal-prodotti, it-trademarks u s-slogans ta' Easee, kemm jekk humiex irreġistrati jew le, huma l-proprjetà intellettwali ta' Easee u ma jistgħux jintużaw mingħajr il-permess bil-miktub minn qabel ta' Easee. Il-prodotti u s-servizzi l-oħra kollha msemmija jistgħu jkunu trademarks jew marki tas-servizz tas-sidien rispettivi tagħhom.

April 2023 – Verżjoni 1.01
© 2023 ta' Easee AS. Id-drittijiet kollha riservati.

Easee AS
Grenseveien 19
4313 Sandnes, Norway
www.easee.com